MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 987/2010

**Go plc (C22334)**

**vs**

**Carmelo Caruana (I.D No 38878(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-1 ta' Lulju 2010, fejn intalab li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u wiehed u hamsin Ewro u tlett centezmi (€651.03) in konessjoni ma'diversi servizzi skond documenti immarkati Dok IZY 1 u IZY2 ipprezentati flimkien mal-Avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ sitt mija u wiehed u hamsin Ewro u tlett centezmi (€651.03) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------